MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tat-22 ta' Mejju, 2008

Numru. 10/2008

**Il-Pulizija
(Spettur Angelo Gafa)**

**vs**

**Francis Cauchi bin Joseph u Josephine nee' Caruana, imwieled Victoria, Ghawdex, fit-12 ta' Lulju, 1969 u residenti f' 'Victoria Windcharmes', Triq Guze' Micallef, Victoria, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita' numru 18069(G)**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuza kontra 'l fuq imsemmi Jason Micallef[1] li gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fis-16 ta' Ottubru 2007 u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew

[1] U b'digriet tat-2 ta' Ottubru 2008 il-Qorti ordnat li isem l-imputat jaqra Francis Cauchi.

maghmula b’risoluzzjoni wahda, fil-hanut ***Office Club*** ta’ 111, Triq it-Tabib Anton Tabone, Victoria, Ghawdex, xjentament qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew importa ghall-hsieb ta’ kummerc, merkanzija b’marka, sinjal, jew emblema imxebbhin b’qerq u cioe’ karti ta’ l-ezamijiet passati tal-MATSEC, proprjeta’ ta’ l-Universita’ ta’ Malta;

Kif ukoll talli fl-istess perjodu u cirkostanzi, ghal qligh, jew bi skop ta’ kummerc, stampa, immanifattura, idduplika jew mod iehor irriproduca jew ikkopja, jew biegh, qassam, jew mod iehor offra ghall-bejgh jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta’ l-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil-Ligi ta’ Malta jew tahtha;

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta’ htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta’ l-ogetti kollha esebiti.

Il-Qorti giet ukoll gentilment mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta’ spejjez li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkomtemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali datat 13 ta’ Novembru, 2007;

Semghet l-ammissjoni maghmula mill-imputat illum stess liema ammissjoni giet riaffermata wara li l-Qorti taghtu zmien ragonevoli jikkunsidra l-istess;

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl ta’ l-ammissjoni maghmula mill-imputat fis-seduta tal-lum u fid-dawl tad-dokument esebiti, il-Qorti ma

tistax hlief issibu hati ta' l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu;

Illi dwar piena l-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija ta' l-imputat, il-fatt illi kkolabora mal-Pulizija fl-investigazzjonijiet taghha u li ddispjacieh ghal dak illi ghamel. Inoltre l-imputat ghandu fedina penali nadifa;

Ghaldaqstant il-Qorti qed taqta' u tiddeciedi billi wara li rat l-Artikolu 298 (1) (f) u 298 B tal-Kapitolu 9, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi migjuba kontra tieghu izda fid-dawl tal-konsiderazzjonjiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 22 tal-Kap 446 tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sentejn (2) mil-lum;

Il-Qorti qed twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta kundizzjonata;

Il-Qorti qed tordna l-konfiska u d-distruzzjoni tad-dokument H u I esebiti f'dawn il-proceduri u ghal dan il-ghan qed tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex tiehu hsieb id-distruzzjoni tad-dokument H u l-Kummmissarju tal-Pulizija jiddistruggi d-dokument I esebiti formalment f'dawn il-proceduri.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------